



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

---

**2011/2025(INI)**

18.2.2011

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar strateġija komprensiva dwar il-ħarsien tad-dejta personali fl-Unjoni  
Ewropea  
(2011/2025(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Seán Kelly

PA\_NonLeg

PA\857920MT.doc

PE458.791v01-002/3PA\857920M

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm definizzjoni aħjar u usa' tad-data personali f'teknoloġiji onlajn u diġitali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' forom ġodda ta' identifikazzjoni individwali u rintraċċar;

### Trasparenza

2. Jisħaq fuq l-importanza li l-utenti jiġu mgħarrfa bl-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data kif ukoll bil-modi biex jaċċessaw, biex jirranġaw u biex iħassru d-data personali tagħhom;
3. Jenfasizza li għandhom ikunu implimentati mekkaniżmi xierqa biex jirreġistraw l-approvazzjoni jew ir-revokazzjoni tal-kunsens tal-utent;

### Il-protezzjoni tad-data għat-tfal u l-minuri

4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu medjatiku għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn.
5. Jitlob biex il-kontrolluri tad-data jkunu obbligati biex jaddottaw mekkaniżmi li jivverifikaw l-età;
6. Jitlob għat-twaqqif ta' obbligi speċifiċi u rekwiżiti meta tkun qed tiġi pproċessata d-data inrelazzjoni ma' minuri, u partikolarment mat-tfal, inkluża l-projbizzjoni tal-ġbir ta' data sensittiva li għandha x'taqsam mat-tfal; jissuġġerixxi li l-ġbir ta' informazzjoni personali minn minuri m'għandux jitħalla sakemm ma jkunx hemm raġunijiet neċessarji u legali;

### Ħidma ta' sensibilizzazzjoni

7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex jiproteġu lilhom infushom;
8. Jirrakkomanda wkoll kampanji ta' taħriġ u għarfien immirati lejn kontrolluri tad-data u proċessuri, biex ikunu informati fuq l-obbligi tagħhom.